



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 6 ta' Lulju 2012
(OR. en)**

Fajl Interisituzzjonal:
2011/0249 (NLE)

**14762/1/11
REV 1**

**WTO 328
AMLAT 83
SERVICES 95
COMER 189**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim
Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa
waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħħa l-oħra

DEĊIJONI TAL-KUNSILL Nr u .../2012/UE

ta'

**dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Kumme rċjali
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa waħda,
u l-Kolombja u l-Perù, min-naħħa l-oħra**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 91, l-Artikolu 100(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħi,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Kunsens ta' ... (għadu mhux ippubblikat fil-ĠU).

Billi:

- (1) Fid-19 ta' Jannar 2009, il-Kunsill awtorizza l-Kummissjoni biex tinne gozja ftehim dwar il-kummerċi multipartitiku f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha mal-Pajjiżi Membri tal-Komunità Andina li kellhom l-istess objettiv li jilħqu ftehim kummerċjali ambizzjuż, komprensiv u bilanċjat.
- (2) Dawk in-neozjati ġew konkluзи u l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħħa l-oħra (minn issa 'l-quddiem "il-Ftehim") kien inizjalat fit-23 ta' Marzu 2011.
- (3) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru .../2012/UE^{1*}, il-Ftehim ġie ffirmat f'isem l-Unjoni fil-..., suġġett għall-konklużjoni tiegħi, u ġie applikat fuq bażi proviżorja.
- (4) Il-Ftehim għandu jiġi approvat.
- (5) Il-Ftehim ma jaffettwax id-drittijiet tal-investituri tal-Istati Membri tal-Unjoni milli jibbenefikaw minn kwalunkwe trattament aktar favorevoli previst fi kwalunkwe ftehim marbut mal-investiment li għalih Stat Membru Pajjiż Andin firmatarju huma parti.

¹ ĠU L ...

* ĠU: daxx hal in-numru u r-referenza tal-pubblikkazzjoni tad-Deċiżjoni fid-dokument 14759/11.

- (6) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat, huwa f'loku li l-Kunsill jawtorizza l-Kummissjoni taprova modifikasi għal dan il-Ftehim rigward indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiġu adottati mill-Kunitat Kummerċjali, kif propost mis-Subkunitat dwar il-Proprijetà Intellettuali skont l-Artikolu 209(2) tal-Ftehim.
- (7) Huwa f'loku li jiġu stabbiliti l-proċeduri rilevanti biex jitħarsu l-indikazzjonijiet ġeografiċi li huma protetti skont il-Ftehim.
- (8) Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala wieħed li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi li jistgħu jitqajmu direttament fil-qrati u t-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra^{1*}, huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar il-persuna(i) mogħtija s-setgħa biex jiproċedu f'isem l-Unjoni biex iwasslu n-notifika msemmija fl-Artikolu 330(1) tal-Ftehim, sabiex jesprimu l-kunsens tal-Unjoni biex din tinrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 209(2) tal-Ftehim, modifiki għall-Ftehim rigward indikazzjonijiet ġeografiċi li għandhom jiġu adottati mill-Kunitat tal-Kummerċ, kif propositi mis-Subkunitat dwar il-Proprietà Intellettwali, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Fejn xi partijiet interessati ma jirnexx il-homx jilħqu qbil wara oġġezzjonijiet marbuta ma' xi Indikazzjoni Ġeografika, il-Kummissjoni għandha tadotta tali pożizzjoni abbażi tal-proċedura stipulata fl-Artikolu 15(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti aġrikoli u l-oġġetti tal-ikel².

¹ Il-Ftehim għie ppubblikat fil-ĠU ... flimkien mad-Deċiżjoni dwar l-iffirmar.

* ĠU: daħħal fin-nota ta' qiegħ il-paġna 1 ir-referenza tal-pubblikkazzjoni tal-Ftehim fid-dokument 14764/11.

² ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Artikolu 4

1. Kull operatur li jikkummerċjalizza prodotti agrícoli, tal-ikel, inbejjed, inbejjed u spirti aromatiċi li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni korrispondenti jista' juża isem protett skont l-Appendiċi 1 tal-Anness XIII (Listi tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi) tal-Ftehim.
2. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom jinfurzaw il-protezzjoni prevista fl-Artikolu 210 tal-Ftehim, inkluż fuq talba minn parti interessata.

Artikolu 5

Il-Ftehim ma għandux jiġi interpretat bħala wieħed li jagħti xi drittijiet jew li jimponi xi obbligi li jistgħu jitqajmu direttament fil-qrati u t-tribunali tal-Unjoni jew tal-Istati Membri.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ dak inhar li tiġi adottata.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President